MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 395/2006

**John G. Cassar Limited (C 189)**

**vs**

**Arthur Azzopardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u sebghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1,770.36) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta attrici u li ghalkemm ilha dovuta u minkejja li gie interpellat, baqa' ma hallasx.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fit-23 ta' Ottubru, 2007 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------